Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/1298

1.7.2025

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/1298

## tal-20 ta' Ġunju 2025

## li taħtar membru supplenti, propost mir-Repubblika Ċeka, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Ċek,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.

(2) Fl-10 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2025/71 ([2]), li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030.

(3) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Radim HOLIŠ, sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(4) Il-Gvern Ċek ippropona lis-Sur Jiří POKORNÝ, rappreżentant ta' korp reġjonali li għandu mandat elettorali ta' awtorità reġjonali,*Člen zastupitelstva kraje Vysočina* (Membru tal-Assemblea tar-Reġjun ta' Vysočina), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sur Jiří POKORNÝ, rappreżentant ta' korp reġjonali li għandu mandat elettorali, *Člen zastupitelstva kraje Vysočina* (Membru tal-Assemblea tar-Reġjun ta' Vysočina), huwa b'dan maħtur bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-20 ta' Ġunju 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. DOMAŃSKI

([1]) ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13, (ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2019/852/oj).
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/71 tal-10 ta' Diċembru 2024 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030 (ĠU L, 2025/71, 16.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/71/oj).